L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 2 t'April 2004

# Ironija

Nhar l-Erbgha li ghadda ccelebrajna l-25 Anniversarju ta' Jum il-Helsien. Però l-istorja u l-binja taghha matul iz-zmien zgur li, barra li jwasslu l-anniversarji u c-centinarji, iwasslu wkoll l-ironiji bl-abjad fuq l-iswed li jekk ma nehdux il-messaggi taghhom, ma nistghux nitghallmu minnhom. Dejjem fittixt il-paralellizmi fl-istorja ghax kif jghid kulhadd, *l-istorja tirrepeti ruhha*.

**Vapuri u vapuri**

Ic-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Helsien ittellghu f'port li llum il-gurnata rega' dara jilqa' fi hdanu diversi vapuri tal-flotta Amerikana. Ironikament, ic-celebrazzjonijiet qeghdin ifakkru t-tluq ta' l-ahhar vapur tal-gwerra *HMS London* ta' l-imperu Ingliz. Kif johorgu dawn il-vapuri jindaqqu t-tnabar. Izda l-ebda tnabar m'huma qeghdin jindaqqu biex inizzlu fl-istorja l-ewwel vapuri li regghu dahlu fil-port li, issa, saru mhux biss l-ewwel, izda l-vapuri regolari tal-flotta Amerikana – l-imperu ta' zmienna!

Il-poplu Malti fiz-zminijiet kollha ta' l-istorja pprova jevita l-gwerer. Izda jekk inharsu lejn l-istorja, dejjem insibu li, ghalkemm Malta mhux dejjem kienet involuta fil-gwerer, dejjem kienet bazi militari. U matul iz-zminijiet il-Maltin dejjem ghajtu lill-imperi ta' dawk iz-zminijet biex jilqghuhom fi hdanhom halli permezz ta' servizzi marbutin mal-gwerer il-kbar jaqilghu l-ghajxien taghhom.

Dan gara fi zmien il-kavallieri meta l-Maltin, specjalment tal-Port il-Kbir, sabu l-ghajxien taghhom billi jibnu x-xwieni u dak kollu li kellu x'jaqsam mal-battalji tal-kavallieri. Kellhom ihallsu ghalih f'inqas minn 30 sena wara fl-Assedju l-Kbir kif ukoll f'diversi okkazjonijiet ohra inqas maghrufa, f'attakki mit-Torok fuq Malta u Ghawdex bhal fl-1551.

Fl-ahhar tal-hakma tal-kavallieri gew il-Francizi. Kulhadd jaf kif wara biss sentejn il-poplu spicca se jmut bil-guh u tela' biz-zpapen u s-skieken l-Imdina biex jerga' jikseb lura t-tmexxija ta' artu. Li kien ukoll interessanti kien li, filwaqt li l-poplu Malti dak iz-zmien, kwazi miet bil-guh, fi xtutna diga' kienu qeghdin jidhlu vapuri tal-flotta Ingliza li kienu lesti biex jiehdu artna. U hekk hu!

L-ewwel snin ta' l-Inglizi regghu gabu maghhom waqtiet ta' ferh ghall-Maltin! Ghax f'Malta regghu bdew jaqilghu l-ghajxien taghhom proprju minn fuq il-gwerer li l-imperu Ingliz kien qed iwettaq.

L-ewwel gwerra dinjija ftit li xejn laqtet hazin lil Malta. Anzi laqtitha tajjeb hafna. Ix-xoghol fil-Port il-Kbir zdied u zdied bil-kbir! It-Tarzna, l-Isptar ta' Bighi – kollox ta' livell tajjeb u mill-aqwa! U l-Maltin ihabirku halli jaqilghu l-hobza u jghajxu lil uliedhom. Xoghol kien hawn bix-xaba'.

**1919**

Izda x'gara fl-1919? Spiccat il-gwerra dinjija u x-xoghol naqas drastikament. It-Tarzna bdiet tkecci l-haddiema bla ma taghtihom post tax-xoghol iehor. Ghal min jispiccalu xoghlu ma kienx hemm gejjieni. L-iktar li ntlaqtu hazin kienu proprju l-haddiema tal-bini tal-vapuri. Però mhux huma biss. Flimkien maghhom intlaqat kulhadd. Izda l-ikbar tbatija waqghet fuq in-nies li kienu jibnu l-vapuri – nerga' nirrepeti. U hemm ahna! L-irvellijiet ta' l-1919 fis-*Sette Giugno*! Wara 'l fuq minn 100 sena ta' tmexxija Ingliza, u malli kien hemm ftit waqfien mill-gwerer Inglizi, il-Maltin batew.

**1941**

Izda l-istorja kienet ghadha ma spiccatx. Kien ghad baqa' grajjiet aghar x'isehhu. Il-poplu Malti li kien tant staghna minn fuq il-battalji ta' l-imperu Ingliz, kellu jpatti qares ghall-istaghnar li kien gawda. Fl-1941 bdiet ufficjalment it-tieni gwerra dinjija li eventwalment laqtet lill-gzejjer Maltin.

U hawnhekk il-Maltin kellhom ibatu bil-kbir u jidhlu fi gwerra li ghalkemm ma kinux l-awturi taghha, xorta wahda kienu komplici fiha. Gara x'gara l-Maltin zgur li kienu bla vuci u ma setghu qatt jiehdu sehem fid-decizjonijiet li kien qed jiehu l-Imperu Ingliz ghalihom. Il-wicc dahkan tal-Malti li jdahhal il-hobza ta' kuljum waqt li jisma' bil-gwerer ta' haddiehor band'ohra, dlonk inbidlet fi storja ta' mrar.

**Kultant zmien**

Mela jekk wiehed janalizza l-istorja, jekk ma jridx joqghod idur mal-lewza, jghid li l-poplu Malti dejjem ghamel ammont ta' zmien kuntent – dan daqqa kien ta' 30 sena, daqqa kien ta' sentejn u daqqa kien ta' 100 sena, sal-gwerra li jmiss. Jigifieri zmien ta' paci u prosperità ekonomika ghal Malta dejjem spiccaw fi gwerra qalila, gieli ghal iktar minn darba.

Sakemm il-poplu Malti qala' l-ghajxien tieghu direttament minn fuq il-gwerra, bata minnha. Kull perjodu ta' 'prosperità ekonomika' (ha niftiehmu, ma nahsbux li l-Maltin kienu xi sinjuri! Imma kienu ghaddejjin tajjeb!) spicca biex il-Maltin hallsu ghaliha wara.

**Bejn generazzjoni u ohra**

Hafna drabi li kien iwassal lill-Maltin biex jergghu jaqghu taht imperu iehor u jaqilbu folja gdida kienet id-differenza fil-mentalità bejn generazzjoni u ohra. Il-memorja tal-bniedem hija qasira. Il-generazzjoni li taccetta l-Imperu f'pajjizna ghall-ewwel darba kienet dejjem thalli t-tbatija ghal xi generazzjoni ta' warajha! Ha nghiduha kif inhi, min baghat ghall-Inglizi biex jigu Malta, kien ilu li miet mewta komda meta saret it-tieni gwerra dinjija!

Ghalhekk il-Gvern Nazzjonalista japprofitta ruhu minn dan il-fatt! Proprju kif ippronunzja ruhu: "Id-dejn inhalluh ghall-generazzjoni ta' warajna!". Proprju tistabilixxi l-principju ta' kif hawn min jahsibha – nghaffgu llum min ha jpatti ghal dnubietna jigi warajna – ahna stess m'ahna se npattu qatt ghal dnubietna!

Ha nghiduha kif inhi wkoll. Ghad baqa' hafna nies maghna llum stess li jiftakru t-tieni gwerra dinjija. U mur fiehem liz-zghazagh taghna x'inhi gwerra! Pjuttost jibdew jidhku u jghajru lil haddiehor li "minn ta' zmien il-gwerra" f'isem il-moda taz-zminijiet!

Heqq, wara kollox trid tkun biss il-"bluha" (bla ebda disprezz) li twassal biex iddur ir-rota taz-zminijiet u . . . barra minn hekk it-tama u n-nuqqas ta' twemmin li dak li gara lill-generazzjonijiet ta' qabilna ma jigrix lilna.

**Dipendenza assoluta fuq il-gwerra**

Malta dejjem staghniet minn dipendenza assoluta fuq il-gwerra ta' haddiehor, u dejjem pattiet ghalih wara. Kien hemm perjodu wiehed biss fl-istorja fiz-zminijet tabilhaqq moderni li Malta ma ddependietx assolutament fuq il-gwerer ta' haddiehor.

**1979**

Kien proprju l-1979 – il-Helsien li ta bidu ghal epoka meta Malta holqot ekonomija li mhi marbuta bl-ebda mod mal-gwerer ta' imperi ikbar minnha. Kien f'dan il-perjodu li kull tracca ta' qxur tal-gwerra telqu mill-Port il-Kbir wara eluf ta' snin ta' hakma mill-barrani. U kien wara dan iz-zmien li fil-Port bdejna naraw biss vapuri bit-turisti.

**2004**

2004 huwa gheluq il-25 sena mill-kisba tal-helsien. Hija wkoll is-sena meta pajjizna se jsir membru shih ta' l-Unjoni Ewropea. Dan x'inhu: il-bidu ta' epoka gdida jew it-tmiem ta' l-epoka tal-helsien assolut? Il-25 anniversarju huwa l-ahhar anniversarju tal-helsien? Wara dan l-anniversarju, Malta se terga' tibda dipendenza gdida fuq imperu politiku u militari iehor?

Izda jekk noqoghdu nahsbu ftit dwar dak li qed jigri llum huwa proprju xi haga simili ghal dak li dejjem gara.

**Paralellizmi**

- L-"imperu" l-gdid ma dahalx Malta bit-tixrid tad-dmija jew b'xi sfurzar zejjed;
- F'iktar minn okkazjoni wahda lanqas biss kellu l-intenzjoni li jidhol hawn jew dam jinbixna ghal zmien twil biex igeghilna nistidnuh ahna;
- Il-hakkiema l-qodma cedew l-armi kwazi amikevolment;
- Il-pajjiz kien ghaddej minn zminijiet finanzjarji koroh;
- Il-gvern tal-gurnata (il-qadim) ikun ghaddielu zmienu;
- In-nies kienu qeghdin igergru mill-gvern taghhom u kienu tilfu l-fiducja fih;
- L-"imperu" l-gdid ghandu x'jaqsam direttament mal-gwerra (CFSP);
- Fil-bidu l-ebda imperu ma jkun irid lil Malta, izda wara jispicca jaghmilha l-aqwa bazi militari tieghu bejn l-Afrika ta' fuq u cioè r-religjon Musulmana u l-Ewropa (ir-religjon Kristjana);
- Iz-zghazagh u l-generazzjonijiet il-godda l-aktar li jilqghu lill-imperu l-gdid b'ferh;
- Il-poplu Malti jghaddi zmien ta' prosperità ekonomika qabel ma jintlaqat minn gwerra ohra.

**Bhal ma dejjem ghidt**

Bhalma dejjem ghidt, nispera li f'hafna minn dak li ghidt hawn fuq m'ghandix ragun. Nipprova nibbaza dak li nghid fuq fatti, imma ma niddejjaqx naghmel certi prezunzjonijiet, anke jekk ir-rizultat taghhom tkun tbassira kerha tal-gejjieni. Izda, fl-1800 (mal-migja ta' l-Inglizi), l-ebda Malti ma bassar x'gara fl-1945, izda wara tant zmien dan gara.

**Zewg festi**

Fl-2004 niccelebraw zewg anniversarji. Il-25 Anniversarju tal-Helsien u l-bidu ta' epoka gdida bhala membri shah fl-Unjoni Ewropea. Ironija perfetta! Il-poplu Malti se jhallas ferm iktar fi flus biex jidhol fl-entità l-gdida politika milli biex jiccelebra l-25 sena Helsien, meta qatt ma rajna gwerer u ma ddependejniex minnhom.

**Vapuri u religjon**

Sadanittant vapuri Amerikani jidhlu fil-Port il-Kbir mill-gdid, haddiema tal-bini tal-vapuri qeghdin jitilfu xogholhom u t-Tarzna qed taccetta kuntratti ghal fuq vapuri tal-gwerra biex izzomm ix-xoghol ghaddej, u fid-dinja ghaddejja mewga kbira ta' attakki terroristici bhala parti minn gwerra li, ohrog il-ghageb, ghandha x'taqsam ghal darb'ohra mar-religjon! B'*al Qaeda* fuq naha u l-Amerka, u stati Ewropej fuq ohra. Malta: Quo Vadis?

*Ghal kummenti u suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*